# BreastScreen WA

Maltese

**Screening mammography for women with a family history of breast cancer**

## Eżami Mammografiku ta' Nisa b'Passat tal-Familja tal-Kanċer tas-Sider



BreastScreen WA hu servizz bla ħlas ta' eżami mammografiku tan-nisa. Hu ċekk importanti tas-saħħa ta' nisa li għandhom bejn il-50 u d-69 sena imma nisa li għandhom 40 u aktar jistgħu jattendu. Dan il-fuljett għandu jwieġeb xi mistoqsijiet li int għandek mnejn ikollok dwar l-eżami mammografiku jekk int għandek xi ħadd li jiġi minnek li kellu kanċer tas-sider.

### Xi tfisser li jkollok passat tal-familja tal-kanċer tas-sider?

- Tal-anqas membru wieħed tal-familja tiegħek kellu kanċer tas-sider.
- Meta numru ta' membri tal-istess familja kienu ddijanjostikati bl-istess marda, hi ħaġa naturali li taħseb jekk kienx frott ta' fattur li jintiret.
- Il-kanċer tas-sider minnu nnifsu ma jistax jintiret imma ġeni difettużi tal-kanċer tas-sider jistgħu jintirtu. Jekk mara għandha ġenu difettuż hi għandha riskju ogħla, imma ma jfissirx li żgur ser tiżviluppa kanċer tas-sider.
- Il-biċċa l-kbira tal-kanċerijiet tas-sider iseħħu b'kumbinazzjoni biss u mhumiex frott ta' fatturi ġenetiċi. Kanċer tas-sider familjali huwa biss minn 1 sa 5% tal-kanċer tas-sider.

### Fatti li jserrħu moħħ nisa li għandhom passat tal-familja tal-kanċer tas-sider

Għall-biċċa l-kbira tan-nisa, il-fatt li jafu li għandhom passat tal-familja ta' kanċer tas-sider hi ħaġa li tinkwetahom. Imma, hu importanti li żżomm f'moħħok:

- Waħda minn kull 9 mara Awstraljana ser tiżvilluppa kanċer tas-sider matul ħajjitha.
- Il-kanċer tas-sider hi marda komuni li hi ġeneralment assoċjata magħna hekk kif nikbru fl-età. Għall-biċċa l-kbira ta' nisa dan jiġri b'kombinazzjoni u mhux riżultat ta' passat fil-familja.
- Il-fatt li jkollok omm jew oħt marida bil-kanċer tas-sider ma jfissirx li int ser awtomatikament tiżviluppa kanċer tas-sider.
- L-iżviluppar tal-kanċer tas-sider ma jfissirx li int definitament writ il-ġenu difettuż, jew li ser tgħaddih lit-tfal tiegħek.
- Madwar 9 minn kull 10 nisa li jiżviluppaw kanċer tas-sider ma jkollhom l-ebda passat tal-familja ta' kanċer tas-sider.

### Il-passat tiegħek tal-familja jsir aktar importanti:

- Meta wieħed jew aktar minn xi ħadd li jiġi minnek fuq l-istess naħa tal-familja tiegħek (minn naħa t'ommok jew ta' missierek) ġew iddijanjostikati li għandhom kanċer tas-sider.
- Meta dawk il-persuni li jiġu minnek kellhom inqas minn 50 sena meta ġew iddijanjostikati għall-ewwel darba.
- Meta dawk li jiġu minnek li għandhom il-kanċer tas-sider kienu jiġu minnek aktar mill-qrib (oħtok minflok il-kuġina tiegħek).
- Meta jkun hemm kanċer tas-sider fiż-żewġ żejżiet, jew kanċer tas-sider maskil, jew kanċer tas-sider u ovarjan fil-familja.

**For an appointment phone 13 20 50**

## Kif il-fatt li jkollok passat tal-familja jolqot l-aċċessjar tiegħi għall-BreastScreen WA?

BreastScreen WA tirrakkomanda eżami regolari mammografiku kull sentejn speċjalment f'nisa li għandhom bejn il-50-69 sena, għax ir-riċerka turi li l-benefiċċju tal-eżami mammografiku hu l-akbar f'dan il-grupp tal-età. Nisa ta' bejn l-40-49 sena u dawk li għandhom iżjed minn 70 sena huma mistiedna bil-qalb kollha jattendu eżami mammografiku.

BreastScreen WA tiġbor it-tagħrif dwar il-passat tal-familja meta jsir l-eżami. Fil-każ ta' numru żgħir ta' nisa, in-natura tal-passat tal-familja tagħhom għandu mnejn jirrikjedilhom li jattendu aktar ta' spiss għall-eżami mammografiku.

## Jekk għandi passat tal-familja tal-kanċer tas-sider, f'liema età għandi nibda nagħmel eżami, u kemm spiss għandi nagħmlu?

Nisa li għandhom aktar minn 40 sena b'passat sinifikanti tal-familja tal-kanċer tas-sider huma eliġibbli għall-eżami mammografiku kull sena jekk għandhom wieħed minn dawn li ġejjin:

- Xi ħadd li jiġi minnhom tal-ewwel grad (omm, oħt, bint, missier, iben, ħu) bil-kanċer tas-sider iddijanjostikat/a qabel l-età ta' 50.
- Xi ħadd li jiġi minnhom tal-ewwel grad bil-kanċer fiż-żewġ żejżiet (iddijanjostikat/a f'kwalunkwe età).
- Tnejn jew aktar persuni li jiġu minnhom tal-ewwel grad bil-kanċer tas-sider (iddijanjostikat/a f'kwalunkwe età).

Nisa b'xi ħadd li jiġi minnhom tal-ewwel grad li għandhom/kellhom kanċer tas-sider li għandhom aktar minn 50 sena, M'HUMIEX f'riskju akbar mill-mara medja fil-komunità. Dawn in-nisa ser jiġu offruti eżami mammografiku kull sentejn.

## X'nista' nagħmel aktar?

Jekk int inkwetata dwar il-passat tal-familja tiegħek tal-kanċer tas-sider, int għandek tiddiskuti ċ-ċirkustanti partikulari tiegħek mat-tabib tiegħek tal-familja. Jekk hemm xi każi ġodda tal-kanċer tas-sider iddijanjostikati fil-familja tiegħek hu importanti li tgħarraf lil BreastScreenWA u lit-tabib tal-familja tiegħek.

## Ftakar, Ħu ħsieb Sidrek:

- Ara u oqgħod attenta għal kull tibdila f'sidrek li tħoss li mhix normali.
- Mur ara minnufih lit-tabib tiegħek tal-familja jekk tinnota xi tibdil f'sidrek.
- Saqsi lit-tabib tiegħek tal-familja biex jiċċekkjalek sidrek kull sena.

## Għandek xi mistoqsijiet?

L-istaff tal-BreastScreenWA lest iwieġeb kwalunkwe mistoqsija li għandek. Jekk jogħġbok ċempel (08) 9323 6700 jew fil-każ ta' nisa li joqgħodu f'żona rurali ċemplu b'xejn fuq 1800 800 033. In-numru TTY hu 1800 241 708.

**Tista' tiffissa appuntament billi ċċempel 13 20 50 (u tħallas biss daqs telefonata lokali)**

Jekk għandek bżonn ta' interpretu bla ħlas, jekk jogħġbok l-ewwel ċempel is-Servizz tat-Traduzzjoni u tal-Interpretu fuq 13 14 50 u għidilhom li trid tkun ikkonnettjata mas-servizz tal-ibbukjjar tagħna fuq 13 20 50.

Department of Health
GOVERNMENT OF WESTERN AUSTRALIA

BreastScreen WA
WA's only accredited screening service

BreastScreen AUSTRALIA
A joint Australian, State and Territory Government Program

www.breastscreen.health.wa.gov.au
© BreastScreen WA, Department of Health
Telephone (08) 9323 6700 Facsimile (08) 9323 6799 TTY 1800 241 708 Bookings 13 20 50

OA004192 OCT'11